# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 7 ta' Novembru 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 89/2008 PC**

**Maria Xuereb**

**vs**

**Mary Carmen sive Carment Gatt**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu, wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti għal diversi snin bdiet tirrendi diversi serviġi, kuri u assistenzi lil maria Azzopardi li tiġi z-zija tar-rikorrenti Maria Xuereb u dwar l-istess serviġi, kuri u assistenzi, nonostante d-diversi promessi tagħha r-rikorrenti qatt ma ġiet kkumpensata;

Illi din Maria Azzopardi mietet nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena 2008 (Dokument 'A') bla tfal jew dixxendenti oħra u ħalliet bħala eredi tagħha lin-neputija tagħha, l-istess intimata Mary Carmen sive Carmen Gatt u dana in forza tat-testment data dsatax (19) ta' Settembru tas-sena 2006 fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro (Dokument 'B');

Illi dawn is-serviġi, kuri u assistenzi kienu jikkonsistu fost l-oħrajn tindif tad-dar, tixtrilha dak kollu li kien ikollha bżonn, u fi kwalunkwe bżonn ieħor illi Maria Azzopardi kellha bżonn, kif jirriżulta f'aktar dettal waqt is-smiegħ ta' dina l-kawża;

Illi dawn is-serviġi, kuri u assistenzi kienu ta' entita' u natura tali li għandhom jiġu kkumpensati;

Illi l-intimata bħala eredi ta' Maria Azzopardi għalkemm ġiet interpellata sabiex tersaq bonarjament għal-likwidazzjoni u ħlas tal-istess kumpens, din baqgħet inadempjenti;

Talbet lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti, prevja jekk hemm bżonn id-dikjarazzjoni illi hija responsabbli għall-ħlas tal-istess serviġi, kuri u assistenzi:

1. Tillikwida l-ammont ta' kumpens ġust dovut lir-rikorrenti in linea ta' serviġi, kuri u assistenzi resi minnha lill-mejta Maria Azzopardi;

2. Tikkundanna lill-intimata sabiex tħallas lill-attriċi l-ammont ta' kumpens hekk likwidat.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali datat tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena 2008, fl-ismijiet Maria Xuereb – vs – Mary Carmen sive Carmen mart Carmelo Gatt u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni li għalija minn issa huwa imħarrek.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta li wieġbet:

1. Preliminarjament, l-esponenti tirrileva l-irritwalita' tar-rikors promotur peress illi l-attriċi naqset illi tinnumera l-paragrafi tar-rikors ġuramentat kuntrarjament għal dak li huwa rikjest fl-artikolu 156(1) (a) tal-Kap. 12. L-esponenti mhux qed tippretendi illi l-azzjoni attriċi tiġi riġettata għaldaqshekk biss, iżda żgur li dan in-nuqqas għandu jiġi rimedjat qabel il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawża odjerna;

2. Illi d-domandi attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, għaliex mhux minnu illi l-attriċi rrendiet xi serviġi, kuri u assistenzi lil Maria Azzopardi illi jimmeritaw illi jiġu kumpensati. Anzi fir-realta' s-serviġi, kuri u assistenzi kienu qegħdin jiġu prestati lill-mejta Maria Azzoprdi mill-esponenti u mill-membri tal-familja tagħha skont kif sejjer jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti diġa' tħallset għas-saldu t'a kwalunkwe servizz li hija setgħet tat lil mejta Maria Azzopardi. Fil-fatt il-mejta ddikjarat fit-testment tagħha tad-19 ta' Settembru 2006 in atti tan-Nutara Maria Vella Magro: "*In oltre t-testatriċi tiddikjara li hija dejjem tħallas lill-istess Maria Xuereb għal kull servizz li tirrendi lill-istess testariċi. It-testatriċi tiddikjara illi hija tħallas bi flus kontanti lill-istess Maria Xuereb dak il-ħin stess ħall ma tkun dovuta l-ebda obbligu lil Maria Xuereb.*"[1] L-istess Maria Azzopardi ddikjarat wkoll

[1] It-Tieni Artikolu tat-testment magħmul minn Maria Azzoprdi in atti tan-Nutara Maria Vella Magro tad- 19 ta' Settembru 2006

li s-somma ta' elf lira Maltin (Lm 1,000) (€2,329,37ċ) li hija ħalliet bħala legat lil Maria Xuereb bis-saħħa tat-testment suċitat sar in linea ta' donazzjoni għaliex *"Maria Xuereb m'għandhiex pretensjonijiet fuq il-wirt tat-testratriċi peress illi dejjem tikkumpensaha bi flus kontanti għas-serviġi / servizzi reżi lill-istess testatriċi."*[2]

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, kull dritt għall-ħlas ta' kumpens rigward kwalsiasi serviġi illi l-attriċi Maria Xuereb setgħet irrendiet lill-mejta Maria Azzopardi, u illi b'xi mod jimmeritaw illi jiġu kumpensati, aktar kmieni mit-tnejn (2) ta' Ġunju 2003 illum jinsabu kolpiti bil-preskrizzjoni estintiva ta' ħames snin a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

6. B'referenza għal kull paragrafu tar-rikors ġuramentat, imbagħad, l-esponenti għandha s-segwenti x'tirrileva:

   a) Illi l-ewwel, it-tielet u r-raba' paragrafi (mhux enumerati) m'humiex korretti għaliex mhux minnu: (i) illi l-attriċi irrendiet lil Maria Azzopardi xi serviġi, kuri u assistenzi ta' entita' u natura li għandhom jiġu kumpensati; (ii) li l-istess rikorrenti ma ġietx ikkumpensata għal xi serviġi li hija setgħet għamlet; u (iii) li d-decujus kienet wegħdet kumpens lir-rikorrenti;

   b) Illi t-tieni paragrafu huwa korrett;

   c) Illi l-ħames paragrafu huwa korrett. Jiġi ċċarat pero' li l-esponenti kienet indikat lir-rikorrenti b'ittra uffiċċjali numru 380/2008 datata għaxra (100 ta' Ġunju 2008, esebita bħala **Dokument CG 1**, ir-raġunijiet għalfejn l-esponenti ma kinitx disposta li tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' dawn is-serviġi. Minkejja dan ir-rikorrenti xorta għażlet li tipproċedi b'din il-kawża;

Illi konsegwentement m'hemmx lok li jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement dawn għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti, inklużi l-ispejjeż ta' l-ittra uffiċċjali numru 380/2008 spedita lir-rikorrenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Ġunju 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

---

[2] It-Tieni Artikolu tat-testment magħmul minn Maria Azzoprdi in atti tan-Nutara Maria Vella Magro tad- 19 ta' Settembru 2006

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qegħdha titlob il-likwidazzjoni tal-kumpens li jidhrilha li ħaqqha għal diversi serviġi li hija tgħid li rrendiet fuq firxa ta' numru ta' snin lil ċerta Maria Azzopardi (illum mejta),[3] u li tagħha l-konvenuta hija unika eredi.[4]

Il-konvenuta preliminarjament eċċepiet l-irritwalita' tar-Rikors promotur għaliex il-paragrafi tiegħu ma ġewx numerati kif jitlob l-artikolu 156(1) tal-Kap. 12. Huwa minnu illi l-paragrufu (a) ta' dan is-sub-inċiż jirrikjedi li d-dikarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża għandha ssir f'paragrafi numerati separatament, u dan l-attriċi m'għamlitux. B'daqshekk pero' dan m'għandux iġib in-nullita' tal-kawża, u nfatti l-konvenuta tgħid biss li dan in-nuqqas għandu jiġi rimedjat. Fil-mertu mbagħad ċaħdet li għandha tikkumpensa lill-attriċi għal xi serviġi li setgħet irrendiet lid-*decujus*, u tgħid li fi kwalunkwe każ din dejjem ħallsitha għal dak li setgħet għamlet, kif infatti ddikjarat hi stess fit-testment tagħha.[5] Mingħajr preġudizzju, teċċepixxi wkoll il-preskrizzjoni ta' ħames snin a tenur tal-artikou 2156(f) tal-Kap. 16 dwar dak li seta' sar qabel t-tnejn ta' Ġunju 2003.[6]

Intqal fir-rigward ta' din il-preskrizzjoni mill-qrati tagħna illi:

"*L-azzjoni ghall-hlas ta' servigi u ghar-restituzzjoni ta' spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha f'hames snin; u c-cirkostanza li s-servigi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interuzzjoni mhux bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B'dan li l-kontinwita' jew reiterazzjoni tas-servigi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew id-dekors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu jew somministrazzjonijiet anterjuri. Ghaliex l-att ta' persuna li taccetta mill-gdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal ghall-ammissjoni tad-debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal rikonoxximent ta' drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal xi rinunzja ghall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri.*"[7]

Fil-każ in eżami l-attriċi ssostni li kien ilha żmien twil tirrendi serviġi lil Maria Azzopardi. Tgħid li għamlet madwar għoxrin sena tmur għandhom darba fil-gimgħa, imbgħad xi snin wara li miet żewġha, bdiet tiffrekwentaha il-ġimgħa kollha barra l-ħdud u festi, u dan baqgħet tagħmlu sakemm din mietet fit-22 ta' Frar 2008. Ma jidhirx li hu kontestat li l-unika interpellazzjoni għall-ħlas da parti

[3] Ara kopja taċ-ċertifikat tal-mewt tagħha, anness mar-Rikors Ġuramentat bħala Dok. A a fol. 4 tal-proċess

[4] Ara kopja tal-aħħar testment ta' Maria Azzopardi anness bħala Dok. B mar-Rikors Ġuramentat a fol. 5 recto u verso

[5] Ibid.

[6] U ċioe' ħames snin qabel id-data tal-ittra uffiċċjali tat-2 ta' Ġunju 2008, mibgħuta mill-attriċi lill-konvenuta; ara referenza għal din l-ittra fir-Rikors Ġuramentat

[7] Prim'Awla: Agostino Pace et.vs Antonio Agius noe.: 17.01.1955; ara wkoll: Appell: George Sciberras et vs Josephine Spiteri et.: 1.04.2005; P.A. Marianna Cauchi vs Catherina Sciberras et. : 10.01.1941; Appell: Maria Debono vs Dolores Portelli: 22.01.1954 u Appell: Cecelia Darmanin et. vs Fatima Vassallo et.: 27.02.2003

tal-attriċi matul dawn is-snin kollha kienet l-ittra uffiċċjali tat-2 ta' Ġunju 2008. Jirriżulta pero' li jista' jingħad li kien hemm interuzzjoni tal-preskrizzjoni bir-rikonoxximent ta' Maria Azzopardi stess meta fit-testment tagħha tiddikjara li:

"*...Maria Xuereb minn jeddha u mhux fuq rikjesta tat-testatrici, tmur tahsel l-art lit-testatrici, u tmur ghand it-testatrici kuljum eskluz il-festi, il-Hdud...,*"[8] mingħajr ma speċifikat pero' meta dan beda jsir.

Jigi għalhekk li minħabba dan ir-rikonoxximent, il-perijodu li jrid jiġi kkonsidrat għall-fini ta' kumpens talvolta dovut lill-attriċi, imur lura għal ħames snin qabel ma sar dan it-testment u għalhekk għad-**19 ta' Settembru 2001**.

Dwar id-dritt ta' kumpens għas-serviġi, ingħad illi:

"*….in tema legali l-gurisprudenza taghna hija konkordi fil-principju li fil-każ ta' servigi jista' jkun dovut kumpens anki jekk ma jkunx pattwit, meta mill-konkors tac-cirkostanzi jidher li l-hlas hu dovut. Gie kemm il-darba ritenut li l-presunzjoni gratwita m'ghandhiex tkun prezunta, u l-intenzjoni li wiehed jirregala s-servigi tieghu u jirrinunzja ghall-kumpens m'ghandhiex tigi facilment akkolta. Hekk kwalunkwe servigju jigi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens. Dan ghandu japplika b'mod specjali fil-kaz ta' servigi hekk imsejjha di bassa lega, bhal ma huma l-hasil tal-hwejjeg mahmuga u l-facendi tad-dar…*"[9]

Dwar il-mod kif kellu jiġi likwidat dan il-kumpens, ġie spjegat illi:

"*Ghall-finijiet tal-quantum tas-servigi, wiehed ghandu jzomm f'mohhu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li bbenefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela ta' l-atturi mal-konvenuta. Konsiderazzjonijiet ohra li gieli gew konsidrati mill-Qorti taghna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess sahtu biex jaqdi lill-haddiehor, jekk humiex affarijiet li mhux kulhadd kapaci jidhol ghalihom, bhal meta l-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (ez. hasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjez li taghhom ma jkunx gie rimborsat fil-mument tal-hrug taghhom.*

*Bhala regola generali, l-kumpens moghti jkun ftit jew wisq imqaddes, meta l-beneficcjarja tkun marida, jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa.*

*Minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghall-hlas ta' servigi hi bbazata fuq kwazi-kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn min jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi rezi u l-hlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar, izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz.*"[10]

---

[8] Ara t-tieni artikolu tat-testment tad-19.09.2006
[9] Balzan vs Degiorgio et.23.2.1959 vol.XLIII.II.649; Axiaq vs Mifsud et.9.1.1952 vol.XXXVI.III.588; Giuseppa Spiteri vs Henry Micallef: Qorti t'Għawdex:5.3.1974
[10] Prim'Awla: Anthony Catania pro et noe. et. vs Maria Agius: 11.12.2003

**Provi:**

Ġara illi l-konjuġi Azzopardi ma kellhomx tfal, u matul iż-żmien urew interess fihom Salvu Xuereb, ħu Maria Azzopardi, li kull tant żmien kien joħdilhom xi ħut milli kien jaqbad, John Mary Sciberras, neputi ta' Maria Azzopardi, li għamel żmien imur jistad fuq il-baħar mar-raġel tagħha, u l-kontendenti t-tnejn neputijiet oħra tagħha, li kienu jduru bihom. Kif rajna, l-attriċi tgħid li għamlet madwar għoxrin sena tmur għandhom darba fil-ġimgħa, imbagħad xi snin wara li miet żewġha, bdiet tiffrekwentaha il-ġimgħa kollha barra l-ħdud u festi, u dan baqgħet tagħmlu sakemm din mietet. Minn naħa tagħha l-konvenuta tgħid li kienet tqis lil Maria Azzopardi bħala t-tieni omm tagħha billi hija tilfet lill-ommha meta kellha biss tmien snin, u dejjem kienet tkun għandha. Anzi meta miet ir-raġel ta' Maria bdiet torqod magħha kuljum u dan baqgħet tagħmlu sal-aħħar u ċioe' sakemm din ittieħdet l-isptar wara li waqgħet għat-tieni darba u mietet hemm fl-għomor ta' erba' u disgħin sena.[11]

Is-serviġi li l-attriċi tgħid li kienet tirrendi lil Maria Azzopardi kienu jikkonsistu f'faċendi tad-dar bħal ħasil tal-art u twieqi, tisqija tal-qsari u xiri mill-ħwienet.[12] Hija pproduċiet diversi xhieda, konsistenti l-biċċa 'l kbira fi qraba u ġirien, biex jikkonfemaw li kienu jarawha dieħla u ħierġa mingħand id-*decujus*, u taħsel il-bankina ta' quddiem id-dar tagħha.[13] Wara kollox id-*decujus* stess, kif rajna, kienet irrikonoxxiet fit-testment tagħha illi l-attiċi kienet tagħmillha xi faċendi, għalkemm tgħid li kienet taħslilha biss l-art, u nsistiet li hija dan qatt ma talbitha tagħmlu u l-attriċi kienet tagħmlu minn jeddha. Madankollu, dawn is-serviġi, fi kwalunkwe każ, dejjem ġew aċċettati u l-attriċi qatt ma tkeċċiet 'l barra mid-dar tad-*decujus*, Anzi kienet titħallielha ċ-ċavetta tad-dar fil-bieb biex hija tkun tista' tidħol liberament. Id-*decujus* taċċetta wkoll li l-attriċi kienet tmur għandha kuljum, barra l-Ħdud u festi.[14] Ix-xhieda kollha, inkluż il-konvenuta,[15] jaqblu li dan kien ikun għal madwar tliet sigħat kuljum, bejn wieħed u ieħor, bejn il-5.00 pm. u t-8.00 p.m. Jirriżulta wkoll li din is-sistema kienet bdiet tiġi adoperata xi seba' (7) snin qabel ma mietet Maria Azzopardi,[16] u għalhekk taqa' fil-limiti tal-perijodu li jrid jitqies għall-fini ta' kalkolu ta' kumpens li jista' jkun dovut.

**Likwidazzjoni ta' kumpens:** M'hemmx dubbju li fil-perijodu in eżami, u ċioe' bejn id-19 ta' Settembru 2001 u s-6 ta' Frar 2008, meta fl-okkazzjoni tal-aħħar marda tagħha Maria Azzopardi ddaħlet l-isptar u ma reġgħetx ħarġet hajja, l-attriċi rrendietilha xi serviġi li tagħhom kien jisthoqilha li tiġi kkumpensata. Huwa minnu illi kien hemm parentela bejn min kien qed jagħti din l-assistenza u min kien qed jiġi servut. Imma peress li l-konvenuta, neputija wkoll fl-istess grad tad-*decujus* li sostniet li qdiet lil Maria Azzopardi kontemporanjament mal-attriċi u

[11] Ara ċertifikat tal-mewt ta' Maria Azzopardi

[12] Ara affidavit tagħha a fol. 42 – 45;

[13] Ara deposizzjoni ta' Dun Gwann Mizzi, a fol.22 – 28; Pauline Vella a fol. 29 - 34; Carmen Azzopardi a fol. 52 – 62; John Mary Xiberras a fol. 84 – 89; Doris Xerri a fol. 90 – 93; Michelina Buttigieg a fol. 97 – 117; Rita Camilleri a fol. 121 – 135; u Clementa Xerri a fol. 264

[14] Ara tieni artikolu tat-testment tagħha

[15] Ara affidavit tagħha esebit bħala Dok.MG a fol. 398 - 402

[16] Ara xhieda ta' Pauline Vella, Doris Xerri u Michelina Buttigieg

wisq iżjed minnha, ġiet ikkumpensata bi proprjeta' ta' valur sostanzjali,[17] żgur li ħadd ma jista' jippretendi li l-attriċi kienet qed tagħti dawn is-servizzi *familiaris vel pietatis causa.*

L-attriċi tikkontendi li għal dak li għamlet mal-konvenuta ma ġietx ikkumpensata adegwatament. Minn naħa l-oħra d-*decujus* fit-testment tagħha ssostni li hija dejjem ħallset lill-attriċi għal dak li għamlet magħha. Jirriżulta mhux kontestat li matul dan il-perijodu l-attriċi kienet qed tirċievi mingħand Maria Azzopardi żewġ liri maltin (LM2) fil-ġimgħa. Huwa evidenti, pero', li dan ma jistax jitqies kumpens xieraq. Tenut kont il-konsistenza tas-serviġi reżi, u l-eta' avanzata tal-persuna servita, li xi kultant forsi kienet tħammeġ xi ftit iżjed minn ħaddiehor, il-ħin iddedikat għaliha, anke f'kumpanja f'ħinijiet li altrimenti kienet tkun waħedha, u għalhekk mhux bilfors f'faċendi, (infatti uħud mix-xhieda jgħidu li fis-sajf l-attriċi kienet tqatta' ħafna minn dan il-ħin bilqegħda fejnha quddiem il-bieb ta' barra),[18] jidher li l-attriċi ħaqqa' iżjed minn hekk. L-attriċi tħallielha legat ta' Lm1000 mid-*decujus* permezz tat-testment tagħha, li pero' ma kienx wieħed remuneratorju, kif sostniet it-testatriċi stess,[19] u għalhekk m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-fini ta' likwidazzjoni ta' kumpens. F'tali ċirkostanzi u tenut kont il-paga minima nazzjonali fil-perijodu ta' kważi seba' snin li qed jittieħdu in konsiderazzjoni għall-fini ta' din il-likwidazzjoni,[20] fid-dawl tal-kumpens li ġia rċeviet l-attriċi u dak li rċeviet il-konvenuta għal dak li tgħid li għamlet hija mad-*decujus*, din il-Qorti jidrilha li għandha tillikwida rata oħra ta' tliet euro (€3) kuljum, barra l-ħdud u festi għall-attriċi. Dawn iġibu:

€3 x 6 ġranet fil-ġimgħa x 50 ġimgħa (billi qed jitnaqqsu 12 il-festa) x 6 snin (19.09.2001 – 19.09.2007) = €5400; u

€3 x 6 ġranet fil-ġimgħa x 15 il-ġimgħa (bejn l-20.09.2007 – 6.02.2008, neqsin tliet festi) = €270, li jġibu b'kollox

**= €5670.**

M'hemmx dubbju li l-konvenuta bħala unika eredi ta' Maria Azzopardi, li aċċettat il-wirt tagħha,[21] hija tenuta tagħmel il-ħlas dovut lill-attriċi.

Għal dawn il-motivi tiddecidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuta, safejn iddikjarat li kwalunkwe pretensjoni għal xi serviġi reżi qabel id-19 ta' Settembru 2001 tinsab preskritta, u tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra, tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. Tiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli għall-ħlas tas-serviġi reżi lill-Maria Azzopardi;

[17] Ara kopja tad-denunzja tas-suċċessjoni tal-beni ta' Maria Azzopardi, esebita bħala Dok. A a fol. 187
[18] Ara per ez. ix-xhieda ta' Clementa Xerri
[19] Ara artikolu II ta' dan it-testment
[20] Medja ta' €15 kuljum
[21] Ara denunzja tas-sucessjoni li saret minnha, a fol. 187

2. Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuta lill-attriċi bħala ħlas għal serviġi, kuri u assistenzi mogħtija lil mejta Maria Azzopardi fis-somma ta' ħamest elef sitt mija u sebgħin euro (€5670), u

3. Tikkundanna lilll-konvenuta sabiex tħallas din is-somma lill-attriċi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-2 ta' Ġunju 2008, kontra l-konvenuta.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

07.11.2017 – Sup89.2008 – Xuereb Maria vs Gatt Mary Carmen sive Carmen
2664